MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru. 201/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**STEFAN CUTAJAR**
**(ID Nru. 203984M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 201/2014

Illum, 12 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stefan Caruana, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 203984M.

**Akkuzat talli:**

Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Frar 2014 bejn l-erbgha ta` filghaxija (16:00hrs) u l-hamsa ta` filghaxija (17:00hrs) gewwa San Gwann, ikkommetta serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAO183 tal-ghamla Peugeot, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga tal-oggett misruqa li sar ghad-detriment ta` Diane Fenech u/jew persuni ohra;

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fl-imsemmija vettura, liema hsara li ma tiskorrix l-ammont ta` mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), saret ghad-dannu ta` Diane Fenech u/jew persuni ohra;

Akkuzat aktar talli nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta` Frar 2014 bejn it-tmienja ta` filghodu (08:00hrs) u nofsinhar (12:00hrs) gewwa Santa Venera, ikkommetta serq minn vettura bin-numru ta` registrazzjoni NEI155 tal-ghamla Jeep, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga tal-oggett misruqa li sar ghad-detriment ta` Karl Engerer u/jew persuni ohra;

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, u lok, ikkommetta serq ta` minn vettura bin-numru ta` registrazzjoni IBI186 tal-ghamla KIA, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga tal-oggett misruqa li sar ghad-detriment ta` Aldo Magro u/jew persuni ohra;

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fl-imsemmija vettura, liema hsara li tiskorrix l-ammont ta` mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), saret ghad-dannu ta` Aldo Magro u/jew ta` persuni ohra;

Akkuzat aktar talli nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta` Frar 2014 minn gewwa l-Imsida, ikkommetta serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBT376 tal-ghamla Toyota, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga tal-oggett misruqa li sar ghad-detriment ta` Veronica Said Pullicino u/jew persuni ohra;

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassr, gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fl-imsemmija vettura, liema hsara li ma tiskorrix l-

ammont ta` mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), saret ghad-dannu ta` Veronica Said Pullicino u/jew persuni ohra;

Akkuzat aktar talli nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta` Frar, 2014 gewwa Msida bejn is-sitta ta` filghaxija (18:00hrs) u d-disgha ta` filghaxija (21:00hrs), ikkommetta serq minn vettura bin-numru ta` registrazzjoni GBJ291 tal-ghamla KIA, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga tal-oggett misruqa u bil-hin li sar ghad-detriment ta` Martin Spiteri u/jew persuni ohra;

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fl-imsemmija vettura, liema hsara li ma tiskorrix l-ammont ta` mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), saret ghad-dannu ta` Martin Spiteri u/jew ta` persuni ohra;

Akkuzat aktar talli nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta` Frar, 2014, gewwa l-Belt Valletta bejn is-siegha ta` filghaxija u t-tlieta ta` filghaxija, ikkommetta serq minn vettura bin-numru ta` registrazzjoni RSN110 tal-ghamla Toyota, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga tal-oggett misruqa u bil-hin li sar ghad-detriment ta` Rosanna Mifsud u/jew persuni ohra;

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fl-imsemmija vettura, liema hsara li ma tiskorrix l-ammont ta` mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), saret ghad-dannu ta` Rosanna Mifsud u/jew ta` persuni ohra;

Akkuzat aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet impost fuqu permezz ta` digriet tal-Qorti tal-magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr. A. Bugeja, LL.D.) f'Novembru 2013, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet;

Il-Qorti giet gen mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati addebitati, tirrevoka contrario impero d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat Novembru 2013 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi Stefgan Cutajar. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta` elf ewro (€1,00) bhala garanzija personali, li gew impost fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta` Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Akkuzat aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kundizzjonijiet impost fuqu permezz ta` digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit, LL.D.) li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.

Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenzi sospizi, liema sentenza inghataw mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduti mill-Magistrat Dr. S. Demicoli, LL.D., nhar id-dsatax (19) ta` Mejju, 2014, u mill-Magistrat C. Peralta, LL.D., fis-sebgha u ghoxrin (27) ta` Novembru, 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal-Qorti tal-magistrati f'Malta fil-hamsa (5) ta` Gunju, 2013.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati / Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula taht l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 271 (a), 281 (a), 49, 50 u 261 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lil-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ic-cirkostanzi partikulari tal-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Awtoritajiet Investigattivi tal-Qorti, u wara li tiehu l-ahjar interess tal-

imputat f'dawn ic-cirkostanzi, temmen illi piena karcerarja esekuttiva efffettiva hija lok, izda mhux perjodu twil.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qiedgha tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` ghoxrin (20) xahar habs li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien li hu dam taht arrest. Il-Qorti qiedgha wkoll tpoggi *in vigore* s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli u ta` dan l-istess Qorti wahda fid-dsatax (19) ta` Mejju, 2014, u l-ohra tas-sebgha u ghoxrin (27) ta` Novembru, 2013. L-ghoxrin (20) xhar prigunerija ghandhom ikunu effettivi inkluzi (u jinkludi) t-termini moghtija fiz-zewg sentenzi sospizi.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------